Avviż għall-attenzjoni ta' ċerti persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

(2015/C 55/03)

L-informazzjoni li ġejja tingħieb għall-attenzjoni tas-Sur Sergey Valeryevich AKSYONOV, is-Sur Andriy PURGIN, is-Sur Denys PUSHYLIN, is-Sur Viacheslav PONOMARIOV, is-Sur Oleg TSARIOV, is-Sur Aleksandr Yurevich BORODAI, is-Sur Alexander KHODAKOVSKY, is-Sur Yurij IVAKIN, is-Sur Igor PLOTNITSKY, is-Sinjura Ekaterina GUBAREVA, is-Sur Fedor BEREZIN, is-Sur Boris LITVINOV, is-Sur Arkady Romanovich ROTENBERG, is-Sur Miroslav Vladimirovich RUDENKO, is-Sur Andrey Yurevich PINCHUK, is-Sur Aleksandr KOFMAN, persuni li jidhru fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK [1] u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 [2] dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.

Il-Kunsill bihsiebu jżomm il-miżuri restrittivi kontra l-persuni msemmija hawn fuq b'dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet ġodda. Dawk il-persuni huma b'dan infurmati li jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill biex jiksbu d-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet maħsuba għad-deżinjazzjoni tagħhom, qabel l-20 ta' Frar 2015, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
DG C 1C
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Posta elettronika: sanctions@consilium.europa.eu

[1] ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16.
[2] ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.